# Parroċċa Santa Marija
## L-Imqabba

80/2025

Is-26 ta' Frar 2025

Eċċellenza Reverendissima,

Nesponi b'rispett dan ir-rikors biex jibda x-xogħol ta' manutenzjoni fuq it-tmien altari tal-knisja parrokkjali tal-Imqabba. Ix-xogħol se jinkludi żebgħa mill-ġdid tal-prospettivi tal-altari fuq l-istess skala ta' kulur li hemm preżenti w li biż-żmien l-istess żebgħa tqaxxret u spiċċat. Ix-xogħol ta' manutenzjoni fuq il-prospettiva tal-altar tal-kor diġa saret mill-predeċessur tiegħi wara li kien intalab u intlaqa'r-rikors dovut. Ix-xogħol fuq l-altari l-oħra se jsegwi l-istess modalita'. L-istima tax-xogħol mhux se taqbeż l-20,000 ewro. Din is-somma se tinġabar minn donazzjonijiet min-nies u attivitajiet ta' fund raising. Dan il-proġett huwa propost li jsir fuq mhedda ta' 6-7 snin u ser isir mill-voluntieri.

Dun Blake Camilleri

Kappillan

PARROCCA SANTA MARIJA MQABBA

Preżentat fil-Kurja Arċiveskovili
illum 26 ta' Frar 2025

Charles Buġeja, Kanċillier

Uffiċċju Parrokkjali, 35, Pjazza tal-Knisja, l-Imqabba MQB 1013 - Malta
Tel: (+356) 21649306 / 21641081 • E-mail: parrocca.mqabba@maltadiocese.org

27 ta' Frar 2025

**Prot. N. 80/2025 - Parroċċa L-Imqabba**
**Xogħol ta' Manutenzjoni fuq it-tmien altari tal-Knisja parrokkjali**

Għażiż Dun Charles,

Il-KPKK tixtieq li jkollha ritratti u informazzjoni aktar dettaljata fuq l-interventi li ser isiru qabel ma t'għati r-relazzjoni tagħha.

Tislijiet,

Rev. Dr André Zaffarese
Segretarju
Kummissjoni Patrimonju Kulturali Kattoliku

# Parroċċa Santa Marija
## L-Imqabba

8 t'April 2025

Eċċellenza reverendissima,

Qed nikteb dan ir-rapport b'referenza għal Prot .N. 80/2025 fejn il-Kummissjoni Patrimonju Kulturali Kattoliku talbet għar-ritratti u aktar informazzjoni rigward it-talba għall-manutenzjoni tal-altari tal-knisja parrokkjali tal-Imqabba. Ma' din l-ittar issib diversi ritratti tal-altari fl-istatt preżenti tagħhom kif ukoll ritratti tal-altar tal-kor li se jintuża bħala mudell biex l-altari l-oħra jkollhom l-istess kuluri. Ix-xogħol ta' manutenzjoni fuq l-altar tal-kor sar madwar 3 snin ilu taħt il-parrokat tal-predeċessur tiegħi Rev. John Curmi wara li intalab ir-rikors dovut u dan kien aċċettat. Ix-xogħol taż-żebgħa ser isir minn volontiera taħt struzzjonijiet ta' Rev. Dr Jonathan Farrugia, lecturer fl-Universita' ta' Malta u storiku tal-parroċċa u Mr Kenneth Cauchi, direttur tas-Sovratendenza tal-Kultura bil-warrant tar-konservazzjoni u restawr.

L-ispiża biex issir il-manutenzjoni fuq 8 altari (4 tal-korsija u 2 fuq kull naħa tal-kappelluni) hija ta' 20,000 elf ewro. Dawn se jinġabru minn donazzjonijiet u attivitajiet ta' fund raising kif ukoll applikazzjonijiet għall-fondi marbutin ma' restawr ta' artifatti immobbli.

Dun Blake Camilleri

Kappillan

PAR·OCCA SANTA MARIJA MQABBA

Uffiċċju Parrokkjali, 35, Pjazza tal-Knisja, l-Imqabba MQB 1013 - Malta
Tel: (+356) 21649306 / 21641081 • E-mail: parrocca.mqabba@maltadiocese.org



Ritratt ta' wieħed mill-altari li juri l-istatt ħażin taż-żebgħa



Ritratt ta' wieħed mill-altari li juri l-istatt ħażin taż-żebgħa u ħsarat oħra



Ritratt ta' wieħed mill-altari li juri l-istatt ħażin taż-żebgħa



Ritratt tal-altar tal-Kor li juri l-kulur orriġinali li bih kien misbugħ l-altar. L-altar l-oħra tal-Knisja kellhom l-istess kulur ta' żebgħa



L-iskema ta' kuluri li se jintużaw fuq l-altari kollha. Din hija l-istess skema ta' kuluri li kienet użata fiż-żebgħa orriġinali u li intużat għall-altar tal-Kor.